**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 14 ta' Novembru, 2024

Rikors Ġuramentat: 194/22AL

**A B**

**vs.**

**Dr Charmaine Cherrett u l-P.L. Melissa Anastasi appuntati permezz ta' digriet tat-3 ta' Novembru 2022 bħala Kuraturi Deputati biex jidhru għan-nom tal-assenti C D**

**(Att taż-Żwieġ bin-numru 2036/2021)**

**Il-Qorti**

Rat ir-rikors ġuramentat tal-attur tas-6 ta' Settembru 2022[1] li permezz tiegħu ppremetta:

[1] Fol. 1.

1. *Illi l-kontendenti żżewwġu fit-tmienja (8) ta' Ottubru tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021) u dan kif jirriżulta miċ-ċertifikat taż-żwieġ hawn anness u mmarkat **Dok. A.** Minn dan iż-żwieġ ma twieldu l-ebda ulied.*

2. *Illi l-ħajja konjugali tal-kontendenti saret impossibli minħabba minaċċi, sevizzi u abbandun u minħabba li ż-żwieġ tkisser irrimedjabbilment kif sejjer jirriżulta fil-kors tal-kawża.*

3. *Illi l-intimata allontanat ruhha lejn ir-Russja u l-aħħar darba li l-esponenti sema' mingħandha kien nhar il-15 ta' Marzu tas-sena 2022, u cioe' meta cemplitlu sabiex tinfurmah illi r-relazzjoni ta' bejniethom kienet intemmet u li seta' jibda l-proċeduri ta' separazzjoni.*

4. *Illi l-medjazzjoni ta' bejn il-partijiet ġiet iddikjarata magħluqa u dan kif jirriżulta mill-anness document hawn anness u mmarkat **Dok B.***

5. *Illi ghaldaqstant il-partijiet ilhom separati de facto sa mix-xahar ta' Marzu tas-sena 2022.*

6. *Illi konsegwentement din l-Onorabbli Qorti awtorizzat lill-esponenti jipproċedi b'rikors guramentat ai termini tal-Artikolu 930 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, vide Dok B.*

7. *Illi l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-kontendenti għandha tiġi xolta u likwidata.*

*Tgħid għalhekk il-konvenuta għar-raġunijiet premessi, prevja kull dikjarazzjoni neċessarja u opportuna, għalfejn m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti:*

*1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti konjugi Bartolo u Odnkonnova minħabba minacci, sevizzi u abbandun da parti taghha u minħabba li ż-żwieġ tkisser irrimedjabbilment kif sejjer jirriżulta fil-mori ta' din il-kawża.*

*2. Tapplika kontra l-konvenuta l-effetti tad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 48, 51 u 52 tal- Kodiċi Ċivili tal-Liġijiet ta' Malta fis-sħiħ jew parzjalment b'dan illi jekk ikun il-każ, il-konvenuta titlef kull jedd li għandha għal nofs l-akkwisti illi waqt iż-żwieġ ikunu saru l-aktar bil-ħila tal-attur u dan minn data illi tiġi stabbilita minn din il-Qorti bħala d-data meta l-konvenuta tkun tat lok illi ssir din is-separazzjoni.*

*3. Ixxolji u tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-kontendenti okkorrendo b'opera ta' perit nominandi.*

*4. Tillikwida l-istess komunjoni u taqsamha f'żewġ porzjonijiet, mhux neċessarjament ugwali.*

*5. Tawtorizza lill-attur illi jirreġistra fir-Registru Pubbliku ta' Malta s-sentenza eventwalment mogħtija minn din l-Onorabbli Qorti.*

*Bl-ispejjeż, kontra l-konvenuta inġunta minn issa għas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat id-digriet tat-3 ta’ Awwissu 2022[2] fejn ġiet dikjarata magħluqa l-medjazzjoni u awtorizzat lill-attur jipproċedi b’kawża.

[2] Fol. 12.

Rat ir-rikors tas-6 ta' Settembru 2022[3] fejn l-attur jgħid li in vista tal-fatt illi l-konvenuta qiegħda tirrisjedi x'imkien ġewwa r-Russja, huwa jitlob illi jinħatru kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti konvenuta;

Rat id-digriet tat-3 ta' Novembru 2022[4] li bih innominat lill-Avukat Dr Charmaine Cherrett u lill-Prokuratur Legali Melissa Anastasi bħala Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lill-konvenuta assenti;

Rat ir-risposta ġuramentata tal-Kuraturi Deputati li huma ntavolaw fit-18 ta' Jannar 2023[5] fejn issottomettew li huma ma humiex edotti mill-fatti u li jirriżervaw li jippreżentaw risposta ulterjuri.

Rat il-verbal tal-25 ta' Mejju 2023[6] li bih il-Qorti ħatret lil Dr Marita Pace Dimech bħala assistent ġudizzjarju bis-soliti poteri u fakoltajiet;

Rat ir-rikors ta' l-attur tat-2 ta' Novembru 2023[7] li bih jitlob li l-kawża odjerna ta' separazzjoni personali tiġi konvertita f'kawża ta' divorzju *ai termini* tal-Artikoli 66F tal-Kap 16 u filwaqt li l-Kuraturi Deputati irrimettew ruħhom għall-ġudizzju tal-Qorti,[8] il-Qorti b'digriet tat-23 ta' Novembru 2023[9] laqgħet it-talba u rriżervat li tipprovdi ulterjorment fl-istadju opportun;

Rat il-verbali kollha u x-xhieda mressqa mill-attur;

Rat l-atti kollha proċesswali;

Rat illi l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza;[10]

---

[3] Fol. 16.
[4] Fol. 14.
[5] Fol. 33.
[6] Fol. 44.
[7] Fol. 57.
[8] Fol. 60.
[9] Fol. 61.
[10] Verbal tal-11 ta' April 2024 a fol. 66.

Ikkunsidrat:

**KONSIDERAZZJONIJIET:**

1. **L-Azzjoni Odjerna:**

Permezz tal-azzjoni odjerna l-attur jitlob illi tiġi pronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-partijiet wara li l-konvenuta assenti allontanat ruħha minnu u marret lura lejn ir-Russja fil-15 ta' Marzu 2020 u ma rritornatx u sabiex tapplika kontra tagħha l-effetti tad-dispożizzjonijiet 48 *et seq.* tal-Kap 16, ixxolji u tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet u tillikwida l-istess komunjoni f'żewġ porzjonijiet mhux neċessarjament ugwali.

Il-Kuraturi deputati jissottomettu li ma humiex edotti mill-fatti.

L-attur imbagħad permezz ta' rikors tat-2 ta' Novembru 2023[11] jitlob illi l-kawża odjerna tiġi konvertita f'kawża ta' divorzju *ai termini* tal-Artikolu 66F tal-Kap 16.

2. **Is-Separazzjoni Personali u r-Responsabbilità għat-tkissir taż-żwieġ:**

*Il-Verżjoni tal-Attur u l-allegati tortijiet attribwiti lill-Konvenuta:*

L-attur jixhed permezz ta' affidavit tat-3 ta' Awwissu 2022 fejn jgħid li huwa żżewweġ lill-konvenuta fit-8 ta' Ottubru 2021 fir-Reġistru Pubbliku ġewwa l-Belt Valletta. Jgħid li f'daqqa waħda fil-15 ta' Marzu 2022 il-konvenuta telqet ir-Russja u ma rritornatx u meta kkuntatjaha f'nofs Mejju 2022 hija nfurmatu illi ma riditx tkompli r-relazzjoni u li seta' jibda proċeduri ta' divorzju hawn Malta. Minn dak iż-żmien ma semax mingħandha.

---

[11] Fol. 57.

Jippreżenta mbagħad it-tieni affidavit tiegħu fl-24 ta' Mejju 2023[12] fejn jispjega li hu kien iltaqa' mal-konvenuta ġo bar tas-Sliema u baqgħu jiltaqgħu regolarment sakemm iżżewġu nhar it-8 ta' Ottubru 2021. Jgħid li kellhom relazzjoni tajba ħafna bejniethom iżda li madwar erba' xhur wara li żżewwġu faqqgħet il-gwerra bejn ir-Russja u l-Ukrajna fi Frar 2022 u jgħid li l-konvenuta uriet ix-xewqa li tmur lura l-Ukrajna biex toħroġ lil ommha mill-pajjiż u teħodha r-Russja. Jgħid li hu fehem is-sitwazzjoni anke minħabba l-problemi ta' saħħa li kellha ommha.

Jgħid li meta telqet beda jħoss li martu mhix tafdah u bdiet iċċempel kontinwament sabiex tara fejn qiegħed ikun u ma min u lil min qed ikellem. Jgħid li din l-attitudni xejn ma għoġbitu għaliex meta kienet Malta ma kellhomx dan l-inkwiet bejniethom.

Jgħid li wara li għadda ftit żmien imbagħad ċemplitlu u nfurmatu li ma kinitx ser terġa' lura Malta u li jkun aħjar li jibda proċeduri ta' separazzjoni hawn Malta. Jgħid li dan ġie b'xokk għalih u għalkemm ipprova jirranġa r-relazzjoni hija baqgħet tirreżisti. Jgħid li tant kemm telqet mingħajr pre avviż li anke ħalliet affarijiet personali fid-dar u qatt ma talbet li tiġi għalihom. Sa fejn jaf hu minn Marzu 2022 meta telqet minn Malta hija qatt ma reġgħet ġiet lura.

Jgħid li fir-rigward tal-komunjoni tal-akkwisti huma ma kellhom l-ebda proprjetà in komuni u li kienu jgħixu ma' missieru fl-indirizz D1 Flat 7, Triq id-Duluri, Pietà. Jgħid li bejniethom ma kellhom l-ebda assi in komuni u lanqas kontijiet konġunti.

*Sabiex jikkorrabora l-verżjoni tiegħu, l-attur iressaq is-segwenti provi:*

[12] Fol. 41.

1. _Ix-xhieda ta' rappreżentant ta' l-Aviation Security Malta fis-seduta tat-13 ta' Lulju 2023_ li jispjega li l-informazzjoni li ntalab iġib u *ċioé* meta l-konvenuta daħlet u ħarġet mill-ajruport ta' Malta kellu jitlobha lill-MIA plc bħala airport *operations*. Jgħid ukoll li bħala data wara sitt (6) xhur titħassar u għalhekk hu seta' jiċċekkja biss b'sitt xhur b'lura u għalhekk mar lura għal 11 ta' Jannar 2023 u fil-perjodu bejn il-11 ta' Jannar 2023 u l-11 ta' Lulju 2023 din il-persuna qatt ma ħarġet minn Malta. Din it-tip ta' data ma teżistix għal l-*arrivals*.

2. _Ix-xhieda ta' l-Ispettur Christian Abela għan-nom tal-Uffiċju Priniċipali tal-Immigrazzjoni fis-seduta tal-11 ta' Diċembru 2023_ li jispjega li l-aħħar record fejn tidher li l-konvenuta waslet Malta, kien fl-20 ta' Frar 2022 minn Istanbul *flight number* TK1369. Però l-aħħar record li telqet kien *Non-Schengen departing 15th March 2022 to Istanbul flight number TK1372*. Jgħid li dik hija l-informazzjoni li jista' jagħti hu. Jgħid li jekk daħlet mill-Ewropa minn *flight* tas-Schengen hu mhux ser ikollu records tagħhom għaliex records tagħhom ma għandhomx fl-*Immigration Office.*

Minn naħa l-oħra l-Kuraturi Deputati ma jġibu l-ebda prova u mill-atti ma jirriżulta li għamlu l-ebda attentat biex jagħmlu kuntatt mal-konvenuta assenti. Il-Qorti tiddeplora dan l-aġir *stante* li huma ma urewx lil Qorti li tassew għamlu t-tentattivi li d-dover tagħhom jirrikjedi.

_Il-Prinċipji legali u applikazzjoni tagħhom għall-każ odjern:_

Il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tistabilixxi dawk il-prinċipji legali li huma relevanti sabiex sussegwentement jiġu applikati għall-każ odjern.

Il-Qorti tibda biex tagħmel referenza għas-Sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Susan Armeni vs Leonard Armeni**[13], fejn il-Qorti tgħid dwar iż-żwieġ illi: "*25. Din il-Qorti tosserva li z-zwieg huwa intiz sabiex il-partijiet jizviluppaw bejniethom komunjoni ta' hajja u ta' imhabba kemm lejn xulxin kif ukoll lejn it-tfal taghhom u l-konjugi ghandhom jagixxu fl-interess tal-familja li ghandha tkun l-ewwel prijorita` fiz-zwieg.*"

F'każ illi tali żwieġ ma jirnexxix għal raġuni jew oħra, Artikolu 36 tal-Kap 16 jgħid illi:

*"Il-firda personali ma tistax issir ħlief b'talba ta' waħda mill-persuni miżżewġa flimkien kontra l-oħra, u għal xi waħda mir-raġunijiet miġjubin fl-artikoli li ġejjin, jew bil-kunsens ta' xulxin, kif hemm fl-artikolu 59."*

Il-liġi tkompli billi tispeċifika raġunijiet li għalihom wieħed jista' jitlob firda taż-żwieġ. Ir-raġunijiet li abbażi tagħhom tista' tintalab is-separazzjoni huma: (i) Artikolu 38 li jitratta l-adulterju, (ii) Artikolu 40 li jitratta eċċessi, moħqrija, theddid u nġurji gravi, u (iii) Artikolu 41 li jitratta l-abbandun.

*"38. Kull parti miżżewġa tista' titlob il-firda minħabba l-adulterju tal-parti l-oħra."* u

*"40. Kull waħda mill-persuni miżżewġin flimkien tista' titlob il-firda minħabba eċċessi, moħqrija, theddid jew offiżi gravi tal-parti l-oħra kontra l-attur, jew kontra xi wieħed jew ieħor mit-tfal tiegħu, jew minħabba li l-ħajja flimkien ma tkunx għadha possibbli għax iż-żwieġ ikun tkisser irremedjabilment:*

*Iżda l-qorti tista' tiddikjara l-firda minħabba li l-ħajja flimkien ma tkunx għadha possibbli għax iż-żwieġ ikun tkisser irrimedjabbilment minkejja li, sew qabel jew wara l-bidu fis-seħħ ta' dan l-artikolu, l-ebda waħda mill-persuni miżżewġin flimkien ma tkun għamlet it-talba għal dik ir-raġuni."*

---

[13] Deċiża fit-30 Ottubru 2015.

Hemm ġurisprudenza kostanti li tispjega l-motivi elenkati f'Artikolu 40 hawn fuq ċitat. F'dan l-istadju ssir referenza għas-sentenzi fl-ismijiet: **Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud**[14] u **Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi**,[15] fejn ġie ritenut illi fir-rigward ta' moħqrija, "*Ċerti fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteġġjamenti illi jistgħu irendu l-ħajja komuni insapportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bħala sevizzi*" u fir-rigward ta' inġurji u offizi gravi li dawn "*ma ġewx speċifikament dezinjati mid-duttrina imma l-karattru ġenerali tagħhom ġie dejjem imħolli fis-sagaċja u l-kuxjenza ta' l-Imħallef sabiex jivvalutahom*", filwaqt li ġew definiti bħala li "*jinkludu kliem jew aġir illi joffendu l-pudur ta' dak illi jkun minkejja illi dawn jirreferu għal affarijiet veru jew foloz*", rispettivament. Is-sentenza fl-ismijiet **Maria Mifsud vs. Vincenzo Mifsud**, appena ċitata tagħti tifsira lil eċċessi, li jfissru "*att mwettqa fuq il-parti l-oħra, liema atti jridu jkunu ta' serjeta' kbira stante illi niente di meno jridu jkunu ta' perikolu għall-ħajja tal-parti l-oħra*". Min-naħa l-oħra u b'mod speċifiku fir-rigward ta' theddid u vjolenza, il-Qorti ma tixba' qatt tirrepeti illi "*Il-liġi tikkontenta ruħha bil-persistenza f'ċerta mġieba ħazina u mhux b'xi atti izolati waqt xi tilwima*".[16] Fin-natura tagħha, il-vjolenza domestika tikkostiwixxi inġurja gravi ħafna u ma tista' bl-ebda mod tiġi ġustifikata. Hekk kif ippronunzjat ruħha l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet **Joanne Tabone *pro et noe* vs Jesmond Tabone**,[17] "*il-vjolenza hi fost l-aktar elementi, jekk mhux ukoll l-aktar waħda, li inevitabilment twassal għal firda personali, anke għaliex, kif ingħad, "huwa ferm diffiċli li tiġi superata minn min ikun ħalla lilu nnifsu jintrikeb minnha*"[18]; Skond l-istess Qorti "*Is-swat, …, hi l-agħar forma ta' att ta' krudelta' li joffendi lill-persuna u spiss drabi jwassal għat-tifrik taz-zwieġ*".

---

[14] Deċiza mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-30 ta' Ġunju 1961, Vol. XLV C.ii.708.

[15] Deċiża mill- Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-2 ta' Ottubru 2003 (Ċit. Nru 1677/1995/RCP).

[16] Antonia Mifsud vs Giuseppe Mifsud, deċiza mill-Qorti tal-Appell Ċivili nhar il-21 ta' Frar 1969.

[17] Deċiża fit-3 ta' Ottubru 2003.

[18] Genoveffa Magri vs Joseph Magri, deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Ottubru 2000.

Artikolu 41 tal-Kap 16 imbagħad jgħid kif ġej:

*"Kull waħda mill-partijiet miżżewġa tista' wkoll titlob il-firda jekk, għal sentejn jew iżjed, tkun abbandunata mill-oħra, mingħajr raġuni tajba."*

L-attur jaddebita lill-konvenuta il-ħtija tas-separazzjoni minħabba abbandun min-naħa tagħha wara biss ftit xhur ta' żwieġ. Hawn issir referenza għall-kawża fl-ismijiet **Josephine Anne Edwards vs Avukat Dr Joseph Xuereb *noe*[19]** fejn il-Qorti sostniet illi:- "*Skont l-artikolu 48 (illum 41) jikkostitwixxi ġusta kawża għas-separazzjoni l-abbandun ta' parti lill-oħra mingħajr raġuni tajba jekk idum għal sentejn jew iżjed...*" u "*Biex jikkostitwixxi motiv ta' separazzjoni, l-abbandun irid ikun ingust fiz-zmien tieghu kollu ta' sentejn, u jekk l-abbandun fil-fatt ma jikkostitwix l-abbandun li trid il-ligi bhala motiv ta' separazzjoni, lanqas ma jista' jigi inkwadrat fil-figura ingurja gravi, ghax b'dan il-mod ikun qieghed jitqies bhala motiv ta' separazzjoni minghajr irrekwizit zmien li l-ligi tirrikjedi ghall-abbandun*."

Fil-kawża **Andrea Avellino vs Regina Avellino[20]**, insibu tifsira ċara ta' dawn il-kriterji, fejn intqal: "*Illi dwar l-abbandun, jingħad li l-istess, biex jista' jikkostitwixxi kawżali tas-separazzjoni, irid, apparti ż-żmien, li fil-każ se mai jikkonkorri, illi jkun sar bla ġusta kawża. Huwa fatt li l-apprezzament taċ-ċirkustanzi "di fatto" li l-abbandun mid-dar ikun sar volontarjament (ċioe bla kawża ġusta), b'mod li jkun jista' jagħti lok għas-separazzjoni personali għall-ħtija ta' min jirrikorri għalih, huwa mħolli fil-kriterju tal-maġistrat deċidenti; kif ukoll ġie deċiż illi mhux kwalunkwe allontanament ta' konjuġi mid-domiċilju konjugali jikkostitwixxi l-prova ta' l-abbandun volontarju: imma jrid ikun jirriżulta minn fattijiet li juri l-intenzjoni żgura, ferma u pożittiva.*"

---

[19] Deċiża mill-Prim 'Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-22 ta' Frar, 1961.
[20] Deċiża mill-Prim 'Awla tal-Qorti Ċivili nhar is-16 ta' Diċembru, 1949.

Għalhekk dan l-aggravju jirrikjedi li jiġu ppruvati ċerti kundizzjonijiet. It-terminu sabiex l-abbandun jista' jiġi kkonfermat huwa ta' sentejn iżda mhux biss – l-intenzjoni trid tkun ċara li ma hemmx ħsieb ta' ritorn u li hemm il-*voglia* li dak li jkun jabbanduna ż-żwieġ.

Permezz ta' rikors datat 2 ta' Novembru 2023, l-attur jiprevalixxi ruħu mill-kawża ta' separazzjoni odjerna sabiex jitlob lill-Qorti li t-talbiet jiġu konvertiti f'talba għall-ħall taż-żwieġ.

*<u>Artikolu 66A et tal-Kodiċi Ċivili: Id-Divorzju Mogħti fuq Talba ta' Waħda mill-Persuni Miżżewġin:</u>*

Artikolu 66A(1) tal-Kap 16 jistipula illi:

"*Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza*". B'dana illi r-rekwiżiti għad-divorzju jinsabu elenkati f'Artikolu 66B tal-Kap 16.

U, "*Fejn il-miżżewġin ma jkunux separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti, il-persuna miżżewġa li tkun qed tagħmel it-talba għad-divorzju, flimkien ma l-istess talba, tista' tressaq it-talbiet kollha illi huma maħsuba illi jistgħu jsiru f'kawża ta' separazzjoni skont is-Sub-Titolu III ta' dan it-Titolu. Il-qorti għandha tisma' u tiddisponi minn dawn it-talbiet kif maħsub fid-dispożizzjonijiet imsemmija mutatis mutandis. Il-parti l-oħra tista' tressaq b'żieda għall-eċċezzjonijiet imsemmija fl-aħħar subartikolu, l-eċċezzjonijiet kollha illi dik il-parti setgħet tressaq f'kawża ta' separazzjoni*".[21] Pero' f'tali sitwazzjoni, il-liġi teżiġi f'Artikolu 66G u 66H tal-Kap 16, illi l-avukati tal-

[21] Artikolu 66D (3) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

partijiet jaqdu numru ta’ dmirijiet. Però l-liġi, f’Artikolu 66F tal-Kap 16, taħseb ukoll għal dawk l-istanzi fejn:

*“(1) Kull parti f’kawża ta’ separazzjoni, tista’ f’kull waqt matul dik il-kawża, iżda qabel ma l-kawża tiġi mħollija għas-sentenza, titlob b’rikors illi t-talba għas-separazzjoni magħmula f’dik il-kawża titqies minflok bħala talba għall-pronunzjament ta’ divorzju. Meta ssir din it-talba, il-qorti għandha tisma’ lill-partijiet biex tikkonstata illi l-kundizzjonijiet maħsuba fl-artikolu 66B biex issir talba għad-divorzju huma sodisfatti. Il-qorti għandha tagħti d-deċiżjoni tagħha dwar din it-talba f’sentenza mogħtija fil-qorti bil-miftuħ, u minn dik is-sentenza ma jkun hemm ebda appell ħlief flimkien mas-sentenza finali.*

*(2) Kull dikjarazzjoni ta’ xhieda u dokumenti preżentati ma’ kawża ta’ separazzjoni għandhom japplikaw mutatis mutandis għal meta din tiġi mibdula fi proċeduri ta’ divorzju. Dan mingħajr ħsara għall-possibilità ta’ kull parti li tressaq dokumenti u xhieda oħrajn fil-proċeduri ta’ divorzju relatati mat-talba għad-divorzju*.”

<u>*Applikazzjoni tal-Prinċipji Legali għal Każ Odjern*</u>:

Il-Qorti rat illi l-provi f’din il-kawża huma ferm skarsi, għaliex l-uniċi provi li ġew mressqa huma l-affidavits tal-attur u x-xhieda tal-uffiċjali li xehdu dwar il-*movements* tal-konvenuta ġewwa u barra l-pajjiż; madanakollu u ġialadarba l-verżjoni tal-attur ma ġiet bl-ebda mod kontradetta, il-Qorti ma għandha l-ebda raġuni sabiex ma temminx lill-istess attur u *ċioé* illi l-konvenuta marret lura f’pajjiżha u baqgħet hemm mingħajr ħsieb li tirritorna wara biss ftit xhur ta’ żwieġ.

Skont l-attur, il-konvenuta telqet lura pajjiżha meta bdiet il-gwerra bejn ir-Russja u l-Ukrajna u ftit taż-żmien wara qaltlu li ma hix ser tirritorna lura Malta. Jgħid li fil-15 ta’ Marzu 2022 hija marret lura r-Russja u ma rritornatx. Jgħid li kienet

inkwetata fuq ommha li kienet l-Ukrajna iżda li ma kienx qed jistenniha tgħidlu li ma kinitx ser tirritorna lura u li aħjar jekk jibda l-proċeduri. Ix-xhieda tiegħu dwar iż-żmien li fih telqet minn Malta hija kkorraborata mix-xhieda tal-Ispettur Christian Abela li jgħid li l-aħħar record li għandu li l-konvenuta telqet minn Malta kien fil-15 ta' Marzu 2022.

Madnakollu l-istess xhud jgħid li l-aħħar record li waslet Malta kien fl-20 ta' Frar 2022 u jekk daħlitx f'xi data oħra minn Schengen areas ma jistax jgħid għaliex hu ma jkollux dawn ir-records. L-istess jgħid ir-rappreżentant tal-*aviation security*. Madanakollu l-Qorti ma tarax li ma għandiex temmen il-verżjoni tal-attur li minn dak iż-żmien ma rritornatx lura ta' lanqas fiż-żwieġ.

Kif intqal iktar il-fuq is-separazzjoni motivata mill-abbandun trid tissodisfa żewġ kriterji u *ċioé* illi l-abbandun (i) itul sentejn u li (ii) l-abbandun ikun inġust fiż-żmien tiegħu kollu ta' sentejn.

Il-Qorti tosserva li l-ewwel rekwiżit ma jirriżultax. L-attur intavola l-kawża fis-6 ta' Settembru 2022 u għalhekk mid-data li jgħid li l-konvenuta telqet u *ċioé* il-15 ta' Marzu 2022 kienu għaddew biss ftit xhur. Ir-rekwiżit ta' sentejn ma ġiex pruvat. Kif tgħid il-ġurisprudenza, lanqas ma jista' jikkostitwixxi inġurja gravi għaliex "*jekk l-abbandun fil-fatt ma jikkostitwix l-abbandun li trid il-ligi bhala motiv ta' separazzjoni, lanqas ma jista' jigi inkwadrat fil-figura ingurja gravi, ghax b'dan il-mod ikun qieghed jitqies bhala motiv ta' separazzjoni minghajr irrekwizit zmien li l-ligi tirrikjedi ghall-abbandun*."[22] Għaldaqstant it-talba sabiex jiġi dikjarat l-abbandun kienet prematura.

Ma nġabu l-ebda provi dwar raġunijiet oħra għat-tifrik taż-żwieġ ħlief l-abbandun u għalhekk il-Qorti tosserva li l-attur ma prova bl-ebda mod xi raġuni għaliex tkisser iż-żwieġ.

[22] Josephine Anne Edwards vs Avukat Dr Joseph Xuereb *noe.*

Dan iġib lill-Qorti f'sitwazzjoni fejn ma tistax tippronunzja s-separazzjoni għal l-ebda raġuni. Madanakollu, ma hemm xejn li josta li l-attur jerġa' jipproponi talba għal separazzjoni personali fuq il-bażi ta' l-abbandun permezz ta' proċeduri oħra fit-terminu li trid il-liġi.

Għalkemm l-Artikolu 66D tal-Kap 16 dwar id-divorzju jgħid illi f'każ ta' talba għad-divorzju magħmula minn waħda mill-persuni miżżewġin, ma jkunx meħtieġ illi fit-talba għad-divorzju, il-persuna miżżewġa li tkun qiegħda tagħmel din it-talba tattribwixxi lill-parti l-oħra xi ħtija li wasslet biex issir dik it-talba, madanakollu sabiex il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi dwar it-talbiet tal-attur trid tiddeċiedi dwar it-tortijiet tat-tkissir taż-żwieġ.

Għalhekk f'dan l-istadju l-Qorti ma tistax tilqa' t-talbiet tal-attur u tiddeċiedi dwarhom.

**DEĊIDE**

Għal dawn il-motivi, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi f'dan l-istadju tiċħad it-talbiet tal-attur u dan mingħajr preġudizzju għad-dritt tiegħu li jerġa' jipproponi l-kawża fuq il-kawżali tal-abbandun fiż-żmien opportun.

Bl-ispejjeż kollha kontra l-attur.